**KUNSILL LOKALI**
**IL-MUNXAR**

# Rapport Annwali Amministrattiv 2015

WERREJ


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill | 3 |
| Varjazzjoni fid-Dħul u Nfiq | 4 |
| Dikjarazzjoni u Rikonċiljazzjoni mal-Banek | 7 |
| Rapport tal-Awditur u *Financial Statements* | 9 |
| Il-*Management Letter* | 11 |

## 1.0 Introduzzjoni tas-Sindku

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali Il-Munxar matul is-sena 2015.

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Din is-sena bħas-snin ta' qabel kienet sena impenjattiva ħafna.

Komplejna fejn ħallejna fis-snin ta' qabel – jiġifieri li ntejbu lill-Munxar u Ix-Xlendi. Ħafna xogħol ta' manutenzjoni sar billi l-Kunsill ħallas għall-materjal u l-ħaddiema kienu pprovduti mill-Ministeru għal Għawdex u l-Kumpanija IPSL.

Issa li t-tmexxija tat-Torri tax-Xlendi ma għadhiex f'idejn il-Kunsill flimkien ma' Din l-Art Ħelwa iżda f'idejn il-Kunsill biss, il-Kunsill ser japplika għad-devoluzzjoni kif ukoll ser japplika għall-permessi u għall-*funding* sabiex dan it-torri jitranġa u jinfetaħ għall-pubbliku. Dan it-torri ngħata f'idejn il-Kunsill *b'encroachment* mad-Dipartiment tal-Propjetà tal-Gvern.

Issa ser nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena. Wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Tlesta l-proġett ta' *Upgrading of Triq Żgħawri nature walk* fejn sar *resurfacing* bit-tarmak ta' wiċċ it-triq u nbnew il-ħitan tas-sejjieħ. Dan il-proġett kien maqsum f'żewġ fażijiet u sar bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea skont Miżura 313 *second call*. Il-Kunsill kompla jaħdem fuq il-proġett *Pedestrianising Il-Munxar's Village Square* u issa kienet tmiss it-tieni fażi. It-tieni fażi saret bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea skont Miżura 413.4 – *Landscaping*. Inxtraw xi bankijiet u *pots* bis-siġar għax-Xlendi bl-għajnuna ta' kontribuzzjoni tal-*Urban Improvement Fund* (UIF) tal-*Planning Authority*.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena l-Kunsill qed ifakkar Jum Il-Munxar billi nieħdu sehem fil-quddiesa, isiru kompetizzjonijiet, kif ukoll l-għoti tal-premju Ġieħ Il-Munxar. L-istess tfal kantaw waqt is-Serata li tkun organizzata fl-okkażjoni ta' Jum Il-Munxar. Fix-Xlendi ġie organizzat kalendarju ta' attivitajiet imqassma matul is-sajf kollu bl-għajnuna tal-iskema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kontribuzzjoni mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill organizza wkoll attivitajiet sportivi kemm fil-Munxar u anke fix-Xlendi u dawn saru bil-għajnuna ta' kontribuzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Il-Kunsill Malti għall-Isport.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-*Day Centre* t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru jsiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan id-*Day Centre* qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Nittama li matul din l-aħħar sena nkunu ħdimna u tajna s-servizz tagħna sabiex nagħtu lil-lokalitajiet tagħna dak kollu li jixirqilhom fil-limitazzjonijiet finanzjarja tagħna.

**Carmen Said**
***Sindku.***

## 2.0 Il-Kunsill

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Carmen Said | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Robert Mallia | 92% |
| **Kunsilliera** | |
| Damien Spiteri | 92% |
| Paul Curmi | 85% |
| Sonja Abela | 92% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Anthony Grech | |

## 3.0 Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja 2015 kienet it-tnejn u għoxrin sena finanzjarja għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-ewwel sena finanzjarja tas-seba' leġislatura.

Matul din is-sena l-Kunsill għamel xogħol ta' tiswijiet ta' bankini u toroq.

Il-Kunsill għamel stima li ser idaħħal €222,776 mingħand il-Gvern Ċentrali u fil-fatt daħħal €322,860.

L-infiq kien jikkonsisti f'Salarji u Pagi, Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra u Infiq Kapitali.

Is-Salarji u Pagi kienu jammontaw għal €66,221 li tinkludi paga tas-Segretarju Eżekuttiv *full time*, Assistent Uffiċjal Prinċipali *full time,* Onorarju tas-Sindku, kontribuzzjoni ta' Sigurtà Soċjali u *Allowance* tal-Kunsilliera u s-Sindku.

Il-manutenzjoni u xogħlijiet oħra kienu jammontaw għal €267,044 filwaqt li kien hemm stima li jintefqu €145,788.

Taħt il-vot ta' Infiq Kapitali l-Kunsill nefaq €328,681. Il-maġġoranza ta' dan l-ammont kien bħala *grant* minn skemi ta' fondi speċjali.

F'Diċembru 2015, il-Kunsill spiċċa bi żbilanċ ta' €10,405. Ir-raġuni li l-*working capital* ġie bil-*minus* huwa peress li *grants* tal-fondi tal-EU jiġu kkalkulati bħala *liability*.

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***

# 4.0 Varjazzjonijiet konsolidati ta' Dħul u Nfiq

## 4.1 Skeda ta' Varjazzjonijiet konsolidati ta' Dħul u Nfiq

| DESKRIZZJONI | a<br>2015 ACTUAL (€) | b<br>2015 BUDGET (€) | c<br>2014 ACTUAL (€) | a-b/b-a<br>2015-15 BUDGET VAR (€) | a-c/c-a<br>2015-14 ACTUAL VAR (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 304,277.00 | 219,776.00 | 305,877.00 | 84,501.00 | (1,600.00) |
| Bye-laws | 18,493.00 | 3,000.00 | 12,378.00 | 15,493.00 | 6,115.00 |
| Investiment | 90.00 | | 22.00 | 90.00 | 68.00 |
| TOTAL | **322,860.00** | **222,776.00** | **318,277.00** | **100,084.00** | **4,583.00** |
| **Infiq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 66,221.00 | 75,114.00 | 63,602.00 | 8,893.00 | (2,619.00) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 267,044.00 | 145,788.00 | 232,197.00 | (121,256.00) | (34,847.00) |
| Infiq Kapitali | 328,681.00 | 168,000.00 | 499,639.00 | (160,681.00) | 170,958.00 |
| TOTAL | **661,946.00** | **388,902.00** | **795,438.00** | **(273,044.00)** | **133,492.00** |
| **Bilanċ** | **(339,086.00)** | **(166,126.00)** | **(477,161.00)** | **(172,960.00)** | **(128,909.00)** |

## Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq (ikompli)

## 4.2 Skeda ddettaljata ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul

| DESKRIZZJONI | a<br>2015<br>ATTWALI<br>(€) | b<br>2015<br>STIMA<br>(€) | c<br>2014<br>ATTWALI<br>(€) | a-b<br>2015-15<br>BUDGET VAR<br>(€) | a-c<br>2015-14<br>ACTUAL VAR<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 216,826.00 | 216,826.00 | 209,291.00 | | |
| Supplimentari | | 2,950.00 | | (2,950.00) | |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | 87,451.00 | | 96,586.00 | 87,451.00 | (9,135.00) |
| | **304,277.00** | **219,776.00** | **305,877.00** | **84,501.00** | **(9,135.00)** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | | | |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 5,568.00 | | 7,127.00 | 5,568.00 | (1,559.00) |
| Insurance Claims | | | | | |
| Ġenerali | 12,925.00 | 3,000.00 | 5,251.00 | 9,925.00 | 7,674.00 |
| | **18,493.00** | **3,000.00** | **12,378.00** | **15,493.00** | **6,115.00** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 90.00 | | 22.00 | 90.00 | 68.00 |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **90.00** | | **22.00** | **90.00** | **68.00** |
| TOTAL | **322,860.00** | **222,776.00** | **318,277.00** | **100,084.00** | **(2,952.00)** |

# Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq (ikompli)

## 4.3 Skeda ddettaljata ta' Varjazzjonijiet fl-Infiq

| DESKRIZZJONI | a<br>2015<br>ACTUAL<br>(€) | b<br>2015<br>BUDGET<br>(€) | c<br>2014<br>ACTUAL<br>(€) | b-a<br>2015-15<br>BUDGET VAR<br>(€) | c-a<br>2015-14<br>ACTUAL VAR<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Infiq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 7,048.00 | 6,869.00 | 6,868.00 | (179.00) | (180.00) |
| Salarji u pagi tal-impjegati | 48,842.00 | 50,673.00 | 46,518.00 | 1,831.00 | (2,324.00) |
| Bonus | | 4,588.00 | | 4,588.00 | |
| Dħul Supplimentari | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet ta' Sigurtà Soċjali | 3,931.00 | 4,747.00 | 3,816.00 | 816.00 | (115.00) |
| 'Allowances' | | 1,837.00 | | 1,837.00 | |
| 'Allowance Councillors' | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | | |
| | **66,221.00** | **75,114.00** | **63,602.00** | **8,893.00** | **(2,619.00)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,eċċ. | 7,177.00 | 8,800.00 | 6,898.00 | 1,623.00 | (279.00) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 788.00 | 1,500.00 | 249.00 | 712.00 | (539.00) |
| Tiswijiet u Manutenzjoni | 41,790.00 | 28,900.00 | 24,544.00 | (12,890.00) | (17,246.00) |
| Kera | 2,446.00 | 3,700.00 | 3,412.00 | 1,254.00 | 966.00 |
| Safar barra minn Malta | | | | | |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 5,939.00 | 4,300.00 | 6,625.00 | (1,639.00) | 686.00 |
| Trasport | 398.00 | 1,390.00 | 480.00 | 992.00 | 82.00 |
| Training | | 900.00 | 830.00 | 900.00 | 830.00 |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 1,225.00 | 900.00 | 307.00 | (325.00) | (918.00) |
| Servizzi b'Kuntratt | 57,178.00 | 65,948.00 | 57,201.00 | 8,770.00 | 23.00 |
| Servizzi Professjonali | 6,580.00 | 12,000.00 | 4,943.00 | 5,420.00 | (1,637.00) |
| Depreciation | 122,439.00 | | 98,380.00 | (122,439.00) | (24,059.00) |
| Ospitalità u servizzi lill-Komunita' | 20,200.00 | 16,150.00 | 23,310.00 | (4,050.00) | 3,110.00 |
| Spejjeż Inċidentali | 169.00 | | 3,986.00 | (169.00) | 3,817.00 |
| Wardens | 715.00 | 1,300.00 | 1,032.00 | - | 317.00 |
| Xogħlijiet ta' Restawr - Mitħna | | | | | |
| | **267,044.00** | **145,788.00** | **232,197.00** | **(121,841.00)** | **(34,847.00)** |
| Infiq Kapitali | | | | | |
| Għodod u Tabelli | | | | | |
| Bini u Titjib | 230,557.00 | | 22,682.00 | (230,557.00) | (207,875.00) |
| Proġetti Speċjali | 98,124.00 | 167,000.00 | 473,935.00 | 68,876.00 | 375,811.00 |
| Makkinarju u Apparat | | 1,000.00 | | 1,000.00 | |
| Office furniture | | | 3,022.00 | | 3,022.00 |
| | **328,681.00** | **168,000.00** | **499,639.00** | **(160,681.00)** | **170,958.00** |
| TOTAL | **661,946.00** | **388,902.00** | **795,438.00** | **(273,629.00)** | **133,492.00** |